

Is-sehem tal-Istituzzjonijiet tal-UE fil-kostruzzjoni tal-Ewropa tal-lum

Bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea (UE) drajna nisimgħu bi drittijiet u opportunitajiet. Aħna l-Maltin illum nistgħu ngħixu, naħdmu, nistudjaw u nirtiraw f'liema pajjiż irridu li hu membru tal-UE. Bl-istess munita (l-ewro) bħal 15-il pajjiż ieħor tal-UE nistgħu nsiefru fihom bla ma nsarrfu l-flus u nqabblu l-prezzijiet biex nixtru minfejn jaqblilna. Il-prinċipju tal-għarfien reċiproku jiggarrantixxi ċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti u s-servizzi fost is-27 pajjiż membru tal-UE. Illum għandna regoli li jserrħulna rasna kontra prodotti difettużi fis-suq. Hemm iktar kisbiet: it-tneħħija tad-dazji bejn l-Istati Membri; it-tneħħija tal-iċċekkar tal-passaporti mal-fruntieri f'bosta stati membri; il-kontroll fuq dħaħen tal-karozzi, l-ajruplani u l-industrija; id-drittijiet fil-post tax-xogħol; it-traħħis ta' tariffi fuq it-telefonati.

Dan kollu sar possibbli bis-saħħa ta' dawk li jissejħu l-istituzzjonijiet tal-UE. Meta 60 sena ilu nbeda l-proġett ta' għaqda bejn il-pajjiżi Ewropej, il-politiċi Ewropej riedu jwaqqfu istituzzjonijiet f'livell Ewropew simili għal dawk ta' pajjiż sovrani. F'pajjiż sovrani il-gvern jipproponi u jimplementa l-liġijiet; il-parlament jirrappreżenta l-leħen taċ-ċittadin u jipprepara il-liġijiet mal-ministri; u l-qorti tiżgura li l-liġijiet ikunu interpretati sew.

Dawn l-istituzzjonijiet jinsabu wkoll fl-UE. Il-"gvern" tal-UE hu l-Kummissjoni Ewropea li tipproponi u timplementa l-liġijiet Ewropej u tippromwovi l-interess komuni. Il-Parlament Ewropew hu elett direttament miċ-ċittadini u jiddeċiedi dwar liġijiet ġodda Ewropej flimkien mal-Kunsill tal-Ministri (b'ministru minn kull stat membru). Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tiżgura li l-liġi Ewropea tiġi interpretata u applikata bl-istess mod fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Ix-xogħol li jwettqu dawn l-istituzzjonijiet jorbot u jolqot lil hinn mill-fruntieri, liċ-ċittadini kollha li jinsabu fil-pajjiżi tal-UE. Jiġifieri l-liġijiet tal-UE jqisu lis-27 stat membru bħala komunità waħda bla fruntieri.